St Ignatius College SIĠĠIEWI PRIMARY

**Data Protection Policy**

*(Maltese version)*

## Stqarrija Ġenerali

L-iskola għandha l-għan tikkonforma mal-Att tal-2001 dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, li jirregola l-ipproċessar ta' informazzjoni personali sew jekk issir bil-kitba jew b'mod elettroniku. L-iskola jeħtiġilha tipproċessa t-tagħrif personali skond l-obbligazzjonijiet legali li joħorgu mill-Att tal-Edukazzjoni ta' l-1988 u ma' proviżjonijiet statutorji oħra, inkluż il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali li jistipula dan li ġej:

a) id-dritt ta' kull ċittadin għall-edukazzjoni;
b) aċċess ugwali għas-sistema edukattiva;
c) l-istudent bħala ċ-ċentru tas-sistema edukattiva;
d) l-istimular tal-iżvilupp tal-potenzjal tal-istudenti mingħajr tfixkil għas-solidarjetà u ko-operazzjoni;
e) prinċipji ħolistiċi fil-qofol tar-relazzjoni bejn l-istudenti u l-iskola;
f) iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tal-ġenituri.

L-ipproċessar jinkludi l-ġbir, l-irrikordjar, iż-żamma, l-aċċess, l-użu tal-informazzjoni personali kif ukoll meta l-informazzjoni tingħadda lil ħaddieħor. Il-kap ta' l-iskola hu l-kontrollur tad-*data* skond l-Att Dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, u fuqu taqa' r-responsabiltà aħħarija biex jiżgura li l-informazzjoni personali tkun ipproċessata tajjeb. Il-membri kollha ta' l-istaff fl-iskola konnessi mal-ipproċessar tad-data huma konxji mid-dmirijiet u r-responsabiltajiet tagħhom skond din il-politika.

### Għanijiet għall-ġbir ta' informazzjoni.

Din l-iskola tipproċessa tagħrif personali dwar studenti, il-ġenituri jew kustodji legali għal dawn l-għanijiet kif ġej:

**a) <u>Amministrazzjoni</u>**

Dettalji dwar studenti u l-ġenituri/kustodji legali jiġu proċessati hekk kif l-istudent jirreġistra jew / u jiġi aċċettat biex jattendi f'din l-iskola. Dawn id-dettalji ta' reġistrazzjoni huma meħtieġa biex ikun jista' jsir reġistru tal-istudenti tad-dħul annwali għal skopijiet ta' amministrazzjoni u għall-ħidma biex l-iskola tkun tista' titmexxa b'mod effiċjenti. L-informazzjoni dwar l-istudenti tista' tinkludi wkoll ir-ritratti. Id-dettalji jinkludu informazzjoni dwar il-ġenituri/kustodji legali li għandhom ikunu kkuntattjati kif meħtieġ, u li magħhom tinbena relazzjoni b'saħħitha billi jiġu involuti fl-iżvilupp edukattiv tat-tifel/tifla li jattendi/tattendi din l-iskola. Ġenituri/kustodji legali jistgħu jieħdu sehem f'attivitajiet ta' l-iskola, fl-interess ta' wliedhom. Hija r-responsabilta` tagħhom li jgħarrfu lill-iskola b'kull tibdil li jista' jkun hemm fid-dettalji tar-reġistrazzjoni ta' wliedhom biex hekk l-informazzjoni tkun dejjem aġġornata.

**b) P<u>rogress akkademiku</u>**

Din l-iskola hija impenjata li tagħti l-aħjar edukazzjoni possibbli lill-istudenti tagħha. Tagħrif dwar it-twettiq, inklużi riżultati ta' eżamijiet/assessjar, jinżammu b'mod li jkunu relatati ma' l-istudent ikkonċernat biex hekk ikun mifli sew il-progress akkademiku tul is-snin skolastiċi.

**ċ) <u>Funzjonijiet tal-iskola</u>**

Minn żmien għal żmien, l-iskola torganizza attivitajiet biex tippromwovi il-kisbiet tal-istudenti u tipprovdilhom esperjenzi f'ċerti oqsma biex hekk jiżviluppaw iktar il-potenzjal u l-ħiliet tagħhom. Dawn il-funzjonijiet jistgħu jkunu parti mill-ħtiġijiet kurrikulari (bħal jum il-premjazzjoni, jum il-gradwazzjoni, jum il-ġenituri, jum l-isport, funzjonijiet reliġjużi, eċċ.). Jistgħu ikunu wkoll ko-kurrikulari (bħal ħarġiet, wirjiet, festini tal-Milied, eċċ.) Għall-għanijiet tal-funzjonijiet kollha tista' tiġi pproċessata informazzjoni dwar l-istudenti li jieħdu sehem u l-ġenituri/kustodji legali tagħhom. Jintalab il-permess għall-ipproċessar ta' tagħrif personali f'każ ta' attivitajiet extra-kurrikulari.

**d) <u>Żamma ta' *records* ta' matul ż-żminijiet</u>**

Tagħrif magħżul u pproċessat għall-għanijiet imsemmija (amministrattivi, akkademiċi u funzjonijiet skolastiċi) jista' jkun arkivjat u merfugħ għal raġunijiet storiċi u ta' rikordju.

**e) <u>Il-ġid tal-istudenti</u>**

L-iskola tista' tipproċessa records li għandhom x'jaqsmu mal-problemi u l-imġieba soċjali ta' l-istudent/a ikkonċernat/a. Tagħrif ta' dix-xorta jista' jinkludi sentenzi tal-qorti dwar il-kustodju ta' minorenni, informazzjoni miġbura mit-taqsima li tieħu ħsieb is-servizzi ta' protezzjoni lit-tfal, mit-taqsima li tiggwida l-istudenti u tagħtihom pariri kif meħtieġ, kif ukoll kull tagħrif ieħor li jinkiseb mill-istudent/a jew ġenitur/kustodju legali, uffiċjali tal-ħarsien tal-liġi u aġenziji oħra ta' sapport bħall-Appoġġ, Sedqa u Caritas. Kull tagħrif bħal dan ikun ipproċessat fl-aħjar interess tal-istudent/a biex hekk jingħata/tingħata l-aħjar ħarsien u għajnuna possibbli biex tittejjeb il-qagħda tiegħu/tagħha u biex jitkattar iktar l-iżvilupp ta' l-individwu.

**f) <u>Is-Saħħa:</u> -**

Jistgħu jsiru eżamijiet mediċi minn tobba statali, infermiera, psikologi/membri ta' bord tal-istħarriġ u professjonisti tas-saħħa biex jindukraw l-istat ta' saħħa tal-istudenti f'din l-iskola. Tagħrif ieħor li għandu x'jaqsam ma' saħħa jista' jingħata wkoll mill-ġenituri/kustodji legali bħala miżura preventiva.

**ġ) <u>Statistika u stħarriġ</u>**

Tagħrif personali għal għan ta' statistika u riċerka jsir b'mod anonimu. Jintalab il-permess tal-ġenituri/kustodji legali qabel tingħata xi informazzjoni meħtieġa f'riċerka li jkollha x'taqsam ma' l-istudenti, f'dawk il-każijiet biss fejn l-istatistika u/jew stħarrig ma jkunx se jsir b'mod anonimu.

## Ipproċessar ta' materjal viżwali.

L-iskola tippermetti li waqt l-attivitajiet skolastiċi jittieħdu immaġini viżwali f'għamla ta' ritratti, videos u b'mezzi oħra. Ta' min ifakkar li l-iskola hi responsabbli biss għal immaġni viżwali li jinġibdu minn rappreżentanti tal-iskola. Dawk li waqt xi attività skolastika jieħdu immaġni viżwali għall-użu personali tagħhom, ikunu miżmuma huma responsabbli għal dak li jsir minn dawn l-immaġini viżwali. Meta jkun hemm xi attivita' pubblika fl-iskola, li tkun imħabbra mid-Direttur tal-Informazzjoni u għalhekk jattendu r-rappreżentanti ta' l-istampa (ġurnalisti tal-gazzetti u stazzjonijiet tat-televiżjoni) biex jirraportaw fuq din l-attivita', l-istampa kkonċernata jkunu l-kontrolluri tad-data fir-rigward tal-immaġini viżwali, u għalhekk jinżammu responsabbli għall-immaġini viżwali li jkunu ġibdu. F'dawn il-każijiet, l-ġurnalisti jridu jsaqsu lill-Kap ta' l-iskola biex jiġu nfurmati jekk hemmx oġġezzjonijiet li jittieħdu immaġini viżwali ta' xi tfal partikulari. Sa fejn hu possibli, l-Kap ta' l-iskola jew ir-rappreżentant tiegħu, jinforma lill-ġurnalisti b'dawn l-oġġezzjonijiet.

Kif l-istudenti jibdew jattendu f'din l-iskola, jintalab permess mill-ġenituri/kustodji legali meta immaġni viżwali:

- jittieħdu minn rappreżentanti ta' l-iskola waqt attivitajiet ko- u extra-kurrikulari:
- jintużaw għal għanijiet ta' kommunikazzjoni billi jkunu ppubblikati kif ġej:
  - f'materjal stampat inklużi pubblikazzjonijiet interni u esterni (eż. rivisti ta' l-iskola, rapporti annwali, ittri ta' tagħrif, eċċ.);
  - fuq *noticeboards* tal-iskola (ħlief dawk biex ikunu jistgħu jittieħdu ordinijiet mill-istudenti għall-imiġini viżwali);
  - fil-medja, inklużi l-gazzetti u t-televiżjoni;
  - fl-internet (*websites* tal-iskola u tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni);
- jintużaw għal kull għan ieħor barra minn dak amministrattiv, skopijiet ta' *records* u kommunikazzjoni, u funzjonijiet tal-iskola.

Il-ġenituri/kustodji legali jistgħu jirtiraw il-kunsens tagħhom wara li jgħarrfu bil-miktub lill-kap ta' l-iskola. Ma tittieħed l-ebda immaġini tal-istudent/a inkwistjoni wara li jkun ġie irtirat il-kunsens.

Meta l-iskola tqabbad lil xi professjonista li jieħu l-immaġini viżwali, tagħmel żgur li din il-persuna tkun taf x'inhuma l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet li jaqgħu taħt il-liġi tal-Protezzjoni

tad-*Data* u li dawn tkun tista' twettaqhom. Isir kuntratt bejn l-iskola u l-professjonista' kkonċernata, għal dan il-għan.

Immaġni viżwali jinżammu għal perjodu ta' tliet snin barra fil-każ ta' dawk li jintgħażlu għal skopijiet ta' *records* tal-iskola.

## Min jista' juża l-informazzjoni.

Tagħrif personali ma jgħaddix għand terzi persuni mingħajr il-permess tal-ġenitur/kustodju legali u jekk mhux għax b'obbligu legali jew għax ikun fl-aħjar interess tat-tifel/tifla. Informazzjoni personali tkun aċċessibbli u mgħoddija skond dan li ġej:

**a) <u>Aċċessibilità</u>**

Staff ristrett tal-iskola jkollu aċċess għal *data* personali meta jkun jeħtieġ tagħrif bażiku fit-twettiq ta' dmirijietu. Il-membri professjonali tal-istaff li jeħtieġu din l-informazzjoni huma konxji sewwa ta' l-obligazzjonijiet li għandha l-iskola taħt l-Att Dwar Protezzjoni tad-*Data*. Huma jużaw biss id-*data* għall-għanijiet li għalihom tkun inġabret.

**b) <u>Kxif ta' informazzjoni</u>**

L-iskola tagħmel minn kollox biex tgħarraf lill-istudenti u 'l-ġentituri/kustodji legali meta jkun hemm possibiltà li xi informazzjoni personali tgħaddi lil terzi persuni. Jintalab il-permess għal dan il-għan fejn ikun applikabbli. Iżda jista' jkun hemm ċirkostanzi meta bla ma jintalab permess, *data* personali tgħaddi għand dawn it-terzi persuni:

- **Id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni** - biex tevalwa u ssawwar politika edukattiva dwar l-iskejjel statali, biex twettaq l-Att ta' l-Edukazzjoni fejn meħtieġ u biex tkun issorveljata s-sistema edukattiva nazzjonali.

- **Skejjel oħra** - minħabba kontinwità, kull meta student/a ikun/tkun trasferit/a għal skola oħra, ir-records akkademiċi u kull tagħrif ieħor dwar il-problemi u l-imġieba soċjali ta' l-istudent/a ikkonċernat/a, kif ukoll dwar s-saħħa ta' l-istudent/a jgħaddu għand l-iskola l-ġdida.

- **Awtoritajiet tal-Eżamijiet** - biex l-istudenti tagħna jkunu jistgħu joqogħdu għall-eżamijiet bħala parti mill-proċess ta' l-eżamijiet.

- **Awtoritajiet tas-Saħħa** - biex ikunu evitati mard li jittieħed u epidemji, skond l-obbligi tal-leġiżlazzjoni tas-saħħa fl-interess tas-saħħa pubblika.

- **Sptarijiet/kliniċi/professjonisti mediċi oħra** - meta student/a ikun/tkun jeħtieġ/teħtieġ kura medika minħabba mard jew ġrieħi li jkun/tkun ġarrab/ġarrbet. Spezzjonijiet tas-saħħa jsiru wkoll bħala parti mill-programm ta' sorveljanza tas-saħħa għat-tfal tal-iskola.

- **Il-Pulizija** - f'każijiet ta' investigazzjonijiet kriminali, u fl-interess tal-ħarsien tal-liġi u l-ordni fil-bini tal-iskola.

- **Ħaddiema soċjali/aġenziji ta' sapport** - f'każ ta' abbuż fuq it-tifel/tifla jew fejn il-ġid tiegħu/tagħha ma jkunx imħares.

- **Il-Qrati** - skond l-ordnijiet li jinħarġu minn hemm.